

32005D0964

L 349/24

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

31.12.2005

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Diċembru 2005

dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim dwar Trattament ta' Eżenzjoni mid-Dazju Doganali għaċ-Ċirkwiti Integrati b'Ħafna Ċippijiet (I-MCPs)

(test b'rilevanza għaċ-ŻEE)

(2005/964/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Iċ-Ċirkwiti Integrati b'Ħafna Ċippijiet (MCPs) huma forma ġdida ta' semikondutturi li ma kinux jeżistu meta l-Ftehim tad-WTO dwar it-Tekoloġija ta' l-Informatika ġie nnegozjat. Li kieku kienu jeżistu dak iż-żmien, probabbilment kien jiġi inklużi fil-livell ta' tariffi zero. Il-kummerċ f'din it-teknoloġija importanti għandu jiġi ffaċilitat.
- (2) Il-Kummissjoni fisem il-Komunità nnegozjat Ftehim dwar Trattament ta' Eżenzjoni mid-Dazju Doganali għaċ-Ċirkwiti Integrati b'Ħafna Ċippijiet (MCPs) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim"), fi ħdan il-qafas tal-"Laqgħa tal-Gvern/Awtoritajiet dwar is-Semikondutturi" ("GAMS").
- (3) Il-Ftehim jelimina d-dazji u l-piżijiet applikati fuq l-MCPs, waqt li jħalli r-rati konsolidati tad-WTO kif inhuma.
- (4) Il-Ftehim ġie awtentikat mis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea bħala depożitarju fit-28 ta' Novembru 2005.
- (5) Il-Ftehim għandu jiġi konklużi fisem il-Komunità.
- (6) Il-paragrafu 7(a) tal-Ftehim jipprevedi li wara li d-depożitarju jirċievi erba' strumenti ta' aċċettazzjoni, dawk il-Partijiet li jaċċettaw għandhom jaqblu dwar data li fiha l-Ftehim jidħol fis-seħħ. Huwa xieraq li l-Kummissjoni,

bħala r-rappreżentant tal-Komunità fil-GAMS, tiġi awtorizzata biex tiftiehem dwar data f'dan ir-rigward mall-Partijiet l-oħra għall-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim dwar it-Trattament ta' Eżenzjoni mid-Dazju Doganali għaċ-Ċirkwiti Integrati b'Ħafna Ċippijiet (I-MCPs) huwa b'dan konklużi fisem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni hija awtorizzata li tiftiehem mal-Partijiet l-oħra għal dan il-Ftehim data ta' dħul fis-seħħ. Din id-data ser tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jagħżel il-persuna(i) mogħtija s-setgħa li jiddepożitaw, fisem il-Komunità, l-istrument ta' aċċettazzjoni tal-ftehim skond il-paragrafu 7(b) tiegħu.

Magħmula fi Brussel, nhar il-21 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kunsill
Il-President
B. BRADSHAW

⁽¹⁾ Għadha mhux ippubblikata fuq il-Ġurnal Uffiċjali.

FTEHIM

dwar Trattament ta' Eżenzjoni Mid-Dazju Doganali għaċ-Ċirkuwiti Integrati b'ħafna Ċippijiet (L-MCPS)

Filwaqt li jkun imfakkar li teżisti opinjoni komuni dwar it-trattament ta' eżenzjoni mid-dazju doganali ta' l-MCPs fost il-Membri tal-Gvernijiet/l-Awtoritajiet dwar is-Semi-kondutturi (il-GAMS), li huma: il-Komunità Ewropea rappreżentata fil-GAMS permezz tal-Kummissjoni Ewropea; il-Ġappun; ir-Repubblika tal-Korea; l-Istati Uniti ta' l-Amerika; u t-Territorju Doganali Separat tat-Tajwan, il-Penghu, il-Kinmen u l-Matsu, dawn il-Membri tal-GAMS qablu b'dan li ġej:

(1) Għall-iskopijiet ta' dan il-Ftehim:

- (a) ċirkuwiti integrati b'ħafna ċippijiet (MCPs) huma dawk iċ-ċirkuwiti integrati b'ħafna ċippijiet li jikkonsistu f'żewġ ċirkuwiti, jew aktar, integrati monolitiċi u interkonnessi magħquda għall-għanijiet u l-finijiet kollha b'mod indiviż, kemm jekk huma jew mhumix fuq substratt wieħed, jew aktar minn wieħed, li jiżola, bi frejm taċ-ċomb jew mingħajru, iżda mingħajr ebda elementi ta' ċirkuwiti attivi jew passivi;
- (b) Sistema Armonizzata tfisser id-Deskrizzjoni Armonizzata tal-Merkanzija u s-Sistema tal-Kodifikar kif deskritta fl-Anness tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Deskrizzjoni Armonizzata tal-Merkanzija u s-Sistema tal-Kodifikar, kif din tista' tkun emendata, u kif addottata u implimentata mill-Partijiet fil-ġijiet u regolamenti rispettivi tagħhom;
- (ċ) Parti tfisser Membru tal-GAMS jew kull Membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (id-WTO) li ddepożita l-istrument ta' aċċettazzjoni tiegħu għand id-depożitarju; u
- (d) it-termini użati f'dan il-Ftehim li huma użati wkoll fil-Ftehim ta' Marrakech li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (il-Ftehim tad-WTO) għandhom l-istess tifsira bħal fil-Ftehim tad-WTO.

(2) Dan il-Ftehim għandu japplika għall-MCPs kollha, irrispettivament minn fejn prodotti ta' din ix-xorta huma kklassifikati fis-Sistema Armonizzata.

(3) Kull Parti għandha, abbażi tan-nazzjon l-aktar iffavorit, tnaqqas għal rata zero d-dazji doganali u dazji u spejjeż oħrajn, peress li dawn id-dazji u spejjeż huma deskritti fl-Artikolu II: 1(b) tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ ta' l-1994 (il-GATT 1994), li dan japplika għall-MCPs, b'konformità ma' dawn il-proċedimenti:

- (a) Kull Parti għandha tapplika dazji jew spejjeż fuq l-MCPs b'rata zero sakemm il-Partijiet kollha jaqblu li livell suffiċjenti ta' kummerċ dinji fl-MCPs hu kopert bi ftehim multilaterali dwar tariffi mnaqqsa taħt l-awspiċi tad-WTO.
- (b) F'dak il-mument, jew, jekk dan ikun qabel il-31 ta' Diċembru 2006, fl-1 ta' Jannar 2007, kull Parti għandha tikkonsolida d-dazji u l-ispejjeż fuq l-MCPs b'rata zero.
- (ċ) Il-Partijiet kollha jaqblu li jikkooperaw mal-Membri l-oħra tad-WTO biex tintlaħaq kopertura ta' 90 fil-mija tal-kummerċ dinji ta' l-MCPs f'dan il-ftehim dwar tariffi mnaqqsa.

(4) (a) Kull Parti għandha, fil-mument ta' l-aċċettazzjoni tagħha ta' dan il-Ftehim, tipprovdi lid-depożitarju lista ta' l-intestaturi fl-iskeda tagħha tat-tariffi li tinkudi l-MCPs. Jekk Parti tikklassifika sussegwentement MCP taħt intestatura li mhix inkluża fil-lista oriġinali tagħha, dik il-Parti għandha mingħajr telf ta' żmien tipprovdi lista emendata lid-depożitarju.

- (b) Kull Parti tista' f'kull mument titlob emendi fl-lista ta' Parti oħra li hi taħseb li mhix kompluta, f'dan il-każ il-Parti rikjesta għandha tikkonsulta u taħdem mal-Parti li qed tagħmel b'bonafidi r-rikjesta biex tagħmel l-emendi kollha neċessarji. Il-lista emendata għandha tkun ipprovduta lid-depożitarju.

- (ċ) Id-depożitarju għandu jittrażmetti l-lista pprovduta, inklużi l-emendi, lill-Partijiet kollha.

(5) Minkejja l-liberalizzazzjoni awtonoma tad-dazji u l-ispejjeż applikati fuq l-MCPs bis-saħħa ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tingħata l-permess li tikkunsidra l-irbit ta' tariffi fuq l-MCPs b'rata zero bħala parti mill-bilanċ tagħha ġenerali tal-konċessjonijiet fi ftehim multilaterali dwar tariffi mnaqqsa taħt l-awspiċi tad-WTO.

- (6) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jkun interpretat li jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi ta' Parti taħt il-Ftehim tad-WTO.
- (7) (a) Wara li d-depożitarju jirċievi erba' strumenti ta' aċċettazzjoni mingħand il-Membri tal-GAMS, dawn il-Partijiet għandhom jaqblu dwar data li fiha l-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ.
- (b) Dan il-Ftehim għandu jkun miftuħ għall-aċċettazzjoni minn kull Membru tad-WTO. Aċċettazzjoni li ssegwi d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għandha tidħol fis-seħħ fid-data meta tali aċċettazzjoni tasal għand id-depożitarju. Id-depożitarju għandu jinforma lill-Partijiet kollha hekk kif jirċievi aċċettazzjoni.
- (ċ) Jekk il-Partijiet jaqblu li jemendaw dan il-Ftehim, is-subparagrafi (a) u (b) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal din l-emenda.
- (8) Meta l-Partijiet kollha jorbtu d-dazji u l-ispejjeż fuq l-MCPs b'rata żero skond il-paragrafu 3 subparagrafi (a) sa (ċ), dan il-Ftehim għandu jispiċċa.
- (9) L-oriġinal ta' dan il-Ftehim bil-lingwa Ingliża kif ukoll l-istrumenti ta' aċċettazzjoni għandhom ikunu d-depożitati għand is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.
-